MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tad-9 ta' April, 2003

Appell Kriminali Numru. 192/2002

Il-Pulizija
(Spettur Norbert Ciappara)
(Spettur Nicholas Ciappara)
Vs
Simon Bonett

Il-Qorti:

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja talli f'dawn il-Gzejjer, fl-4 ta' Settembru, 1999 u matul dawn l-ahhar sentejn qabel din id-data:
a) biegh jew xort'ohra ttraffika fir-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza;
b) kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bazi din ir-raza w dan bi ksur ta' l-artikolu 8(a) tal-kap 101 tal-ligijiet

ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv u jew personali tieghu;
c) ikkommetta dawn ir-reati f'post, fi/jew gewwa centru w jew f'distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' post fejn jiltaqghu z-zaghzagh bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Kontroll tal-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-7 t'Awissu, 2002, li biha wara li rat l-Artikoli 8(a)(b), 22(2)(b)(ii) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati tal-akkuzi kollha w ikkundannatu ghal perjodu ta' prigunerija ta' disa' xhur, mill-liema perjodu ghandu jitnaqqas il-perjodu li l-istess imputat ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma dan il-kaz. Ikkundannatu wkoll ihallas multa ta' mitejn u hamsin lira Maltin (LM250), li bl-applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista tithallas f'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin lira Maltin fi zmien hames xhur. In oltre ordnat ai termini tal-artikolu 5 tal-Kap 152 tal-ligijiet ta' Malta li l-imputat jitpogga taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tlett snin, kif ukoll li l-imputat ihallas s-somma ta' tlett mija hamsa w disghin lira Maltin u sebgha w tletin centezmu (LM395.37,0) lir-Registratur tal-Qorti fi zmien tlett xhur minn meta jigi hekk interpellat bhala spejjez inkorsi konnessi mal-hatra ta' esperti f'dawn il-proceduri ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-12 t'Awissu, 2002, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha dwar ir-reita w tibdilha dwar il-piena ghal wahda iktar adekwata ghal kaz, certament bl-imposizzjoni fi kwalunkwe kaz tal-probation order imsemmija w dan peress illi x-xoghol li diga sar mil-probation officer jista jaghti iktar frott 'il quddiem u hekk tigi amministrata gustizzja ahjar ma bniedem li sab ruhu f'diffikultajiet.
Rat illi l-aggravji tal-appellant Simon Bonett jikkonsistu fis-segwenti :- illi l-komportament tal-appellant mill-bidu tal-proceduri kien wiehed ezemplari w ta' l-akbar onesta' mall-Pulizija ; Illi dan tieghu kien vizzju personali ; illi nstab

biss cannabis u mhux droga ohra maghrufa bhala “hard drugs” ; illi apparti l-konsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti biex naqqset il-piena li hu jaqbel maghhom , il-piena kellha tigi ridotta ferm u ferm aktar ; illi l-applikazzjoni tal-artikolu 29 tal-Kap.101 favur l-appellant kellha twassal ghall-piena inqas; illi l-appellant kien fi stat ta’ depressjoni minhabba l-“family background” ; illi fis-sentenza ma giex rifless l-element li l-appellant kien ilu tlitt snin il-boghod minn kwalunkwe droga w li hu il-boghod minn kull attivita’ kriminuza; illi ghalkemm jirrizulta l-aggravju tad-distanza ta’ mitt metru mill-perimetru ta’ post fejn jiltaqghu iz-zaghzagh , dan gara ghax id-dar tieghu nzertat vicin post simili; illi hemm il-perikolu li dak li kiseb l-akkuzat appellant f’ dawn l-ahhar snin jintilef jekk tibqa’ sehh l-istess piena.

Fliet l-atti kollha processwali ;

Semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensur dwar il-piena ;

Semghet ukoll is-sottomissjonijiet tal-abbli Prosekutur li tenna li l-applikazzjoni tal-artikolu 29 tal-Kap.101 ma kienetx tfisser li l-piena ghandha tinzel taht il-minimum stabilit bil-ligi kif kien il-kaz meta jigi applikat l-artikolu 21 tal-Kap.9 . Illi l-Avukat Generali kien diga ha hsieb il-fattispecji partikolari tal-kaz meta ddecieda li jibghat il-kaz biex jigi trattat mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) .

Ikkonsidrat ;

Illi dan hu appell li jikkoncerna biss il-piena ta’ disa xhur prigunerija w multa ta’ mitejn u hamsin lira mposta fuq l-appellant mill-Ewwel Qorti , ghax ma hemmx appell mill-parti tas-sentenza fejn ghamlet probation order jew mid-dikjarazzjoni ta’ htija li del resto hi ammessa minnu.

Illi l-Ewwel Qorti jidher li hadet in konsiderazzjoni l-aspetti kollha li setghu jivvantaggjaw lill-appellant u li jissemmew fir-rikors tal-appell tieghu . Dawn il-konsiderazzjonijiet jinsabu raggruppati fil-paragrafi enumerati 1 sa 6 a fol. 6 u 7 tas-sentenza appellata. L-istess Qorti qalet li minn dan

il-kwadru ma kelliex tkun severa hafna fl-applikazzjoni tal-piena .

Illi pero' fuq kollox dan kien kaz fejn kemm skond is-sentenza appellata , kif ukoll mill-verbal a fol.394 tal-process , jidher li kien hemm qbil bejn il-prosekuzzjoni w d-difiza li piena karcerarja ta' disa xhur prigunerija kienet tkun wahda ragonevoli fic-cirkostanzi .

Illi din il-Qorti taqbel li fil-fatt l-Ewwel Qorti ma kienet severa xejn fl-applikazzjoni tal-piena w imponiet piena karcerarja li kienet accettata bhala gusta u ragonevoli mill-istess difiza tieghu , meta fil-fatt setghet imponiet piena massima ta' tmintax il-xahar prigunerija bl-applikazzjoni tat-tieni proviso tal-artikolu 22 (2) (b) , fejn il-piena massima ta' sena prigunerija kontemplata fl-artikolu 22 (2) (b) (ii), trid tizdied bi grad minhabba li rrizulta l-aggravanti fejn ir-reat ikun sar fi , jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola , club jew centru taz-zaghzagh jew xi post iehor simili fejn normalment jiltaqghu iz-zaghzagh , skond l-artikolu 31 (1) (b) (x) u (xi) tal-Kap.9, u umbaghad din il-piena massima jidher li giet ridotta b' zewg gradi minn tmintax il-xahar ghal disa xhur proprjru bl-applikazzjoni tal-artikolu 29 tal-Kap. 101 , meta setghet giet imnaqqsa bi grad wiehed biss ghal tnax il-xahar prigunerija .

Illi gie ritenut minn din il-Qorti li hija ma tkunx propensa li tiddisturba d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti fl-applikazzjoni tal-piena sakemm dik il-piena ma tkunx tohrog mill-parametri tal-ligi w ma tkunx tidher manifestament eccessiva fic-cirkostanzi. Illi zgur li l-piena applikata mill-Ewwel Qorti la tohrog mill-parametri legali w lanqas ma tidher eccessiva specjalment in vista tal-qbil tal-istess difiza tal-appellant li l-piena li kellha tinghata kienet proprju dik li nghatat mill-Ewwel Qorti.

Ghaldaqstant qed tichad l-appell ta' Simon Bonett dwar il-piena fuqu imposta b' dana pero' li l-istess sentenza qed tigi riformata xorta wahda bis-sentenza l-ohra tal-lum stess fl-appell numru 191/02 fl-istess ismijiet , fejn, oltre

dak dispost fl-istess sentenza, giet ordnata l-konfiska tal-beni mmobbli w mobbli tal-istess Simon Bonnet.

--------------------------------TMIEM--------------------------------